# 51. Bard u Sħana

Daħal Ottubru, jaqa’ l-bard fl-għaxija;
kull tant xi lejl ix-xita tqattar tqattar,
tħabbat u ttektek bla waqfien mal-landi
msadda, mormija

Mal-ħajt, u tfaqqa’ fuq weraq wiesgħa
tal-ġidra u l-kaboċċi; ma’ filgħodu
qtajjiet qtajjiet summien sejrin isiefru
lejn nofsinhar.

Ġewwa l-bejtiet tal-ħamri ż-żrieragħ ċkejkna
jagħmlu l-għeruq, u jtellgħu żewġt iġwienaħ
fid-dlam ifittxu t-triq tal-ħruġ għall-beraħ
tad-dawl u l-bard.

Minn ġol-għerien ċkejknin ta’ taħt il-ġebel
joħorġu bruġ u bruġ bebbux u għekierex,
u erħilhom jitbaħardu fuq il-weraq
u l-ħaxix ġdid.

’Mma s-sriep u l-lofa jħossu demmhom jagħqad
bħas-silġ, u ġewwa l-oqbra, li l-għekierex
battlu, ħajjin jindifnu, u jorqdu r-raqda
tax-xitwa sħiħa.

Għad jasal Marzu, s-silla tkun bil-warda,
u s-sikrana tkun taħseb biex ittajjar
iż-żrieragħ żgħar, u lejn it-tramuntana
jgħaddi s-summien.

L-għekierex u l-bebbux jinxfu bħal koxkox,
u jinżlu lejn il-frisk tal-għerien vojta
li battlu s-sriep u l-lofa, u jorqdu r-raqda
tul is-sajf sħiħ.

Għall-għajn tax-xemx ta’ Ġunju s-sriep jitkaxkru
ġewwa l-ħuxlief, u b’par għajnejn imqabbża
tirgħa l-gremxula fuq il-kannizzata
qalb il-għenieqed.